**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

L-Erbgħa 13 ta' Jannar, 2021

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

**AĠENDA Numru 23**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 23 li ser tinżamm permezz ta' ZOOM nhar it-Tlieta 19 ta' Jannar, 2021 fil-17:30.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet*.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

**AĠENDA**

23.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
23.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
23.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
23.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
23.5 Rapporti;
23.6 Aġġornament dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
23.7 Aġġornament dwar Miżura 4.4 – Ħitan tas-Sejjieħ fiż-Żona ta' Misraħ is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena;
23.8 Aġġornament dwar l-Iskema tal-Ħarsien tal-Annimali mill-Kunsilli Lokali;
23.9 Aġġornament dwar Jum il-Qrendi u Ġieħ il-Qrendi 2021;
23.10 Performance Bonus għas-Sena 2020 tas-Segretarju Eżekuttiv, Uffiċjal Eżekuttiv u Clerk tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
23.11 Sistema ta' Permessi Online tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
23.12 Approvazzjoni tal-Evalwazzjoni tas-Sejħa għall-Kwotazzjonijiet għas-Servizz t'Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data – QLC – DPO 49/20;
23.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
23.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tat-23 Laqgħa tat-tmien leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tlieta 19 ta' Jannar, 2021 fil-17:30 permezz ta' ZOOM (online) u spiċċat fis-19:00.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri MQR (online) |
| Viċi Sindku | Patrick Bugeja (online) |
| Kunsilliera | Marion Parnis (online) |
| Kunsillier | Charles Zerafa (online) |
| Kunsillier | Daniel Farrugia (online) |
| Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ | Gabriel Camilleri (online) |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri MQR ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 23.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA

23.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija.

## 23.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

23.2.1 Il-Minuti tat-22 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu pproponuti mill-Kunsillier Charles Zerafa.

23.2.2 Il-Kunsilliera Marion Parnis issekondat il-Minuti u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 23.3, 23.4 u 23.5 jiġu diskussi wara Minuta 23.12 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku Patrick Bugeja u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

## 23.6 AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU L-ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI

23.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li matul din il-ġimgħa saret laqgħa mal-Perit fuq il-binja flimkien mal-kuntrattur Taljan.

23.6.2 Sfortunatament bħalissa x-xogħol jinsab wieqaf minħabba li diversi ħaddiema tal-kuntrattur għandhom il-Covid-19 u allura jinsabu kwarantina.

23.6.3 Spjega kif wasalna għall-qoxra ta' barra, li waslet biex titwaħħal fil-post imma sakemm jidħlu lura l-ħaddiema, ix-xogħol ma jistax jitkompla.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

23.6.4 Qal li avolja kellna nieqfu ftit, xorta waħda x-xogħol jidher tiela' ġmielu u l-Perit jinsab kuntent kif ġejja l-binja.

## 23.7 AĠĠORNAMENT DWAR MIŻURA 4.4 – ĦITAN TAS-SEJJIEĦ FIŻ-ŻONA TA' MISRAĦ IS-SANTWARJU TAL-MADONNA TAL-ĦNIENA

23.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li x-xogħol miexi ġmielu u kważi tlesta l-ewwel ħajt tas-sejjieħ f'dan il-proġett.

23.7.2 Qal li b'hekk kważi tlesta l-ħajt tal-ewwel għalqa, u diġà tneħħa l-ħajt li kien hemm mat-tieni għalqa.

23.7.3 Fisser kif kull darba li jitneħħa ħajt u jsir xi skavar, il-moniteraġġ arkeoloġiku qiegħed ikun fuq il-post sabiex jissorvelja x-xogħolijiet kif ukoll jiċċekkja għal xi sinjali li jistgħu jkunu ta' importanza.

23.7.4 Is-Sindku qal li dalgħodu stess saret laqgħa fuq il-post bejn il-Perit tal-Kunsill Lokali, l-arkeoloġist u l-kuntrattur, fejn ġew diskussi ċertu sitwazzjonijiet u dan sabiex ix-xogħol jitkompla bla wisq problemi.

## 23.8 AĠĠORNAMENT DWAR L-ISKEMA TAL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI MILL-KUNSILLI LOKALI

23.8.1 Is-Sindku David Schembri qal li mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill Lokali s-sitwazzjoni ma tantx inbidlet.

23.8.2 Spjega kif irċevejna mingħand id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali li ser jagħtuna estensjoni s'April 2021, imma m'hemmx konferma li nistgħu naqsmu €6,000 kif tlabna, €3,000 għall-ikel u €3,000 għall-cat shelters.

23.8.3 Qal ukoll li dalgħodu rċevejna konferma li d-DNO tal-cat shelters ta' Triq Ġużè Cassar hija kompluta, biss fadal xi affarijiet biex titlesta ta' Triq Congreve.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

23.8.4 Barra minn hekk qal li diġà rċevejna konferma dwar Triq Ġużè Cassar, fejn jidher li din ġiet aċċettata u nkunu rridu ndaħħlu Commencement Notice qabel isiru xi xogħolijiet.

23.8.5 Dwar l-estensjoni tal-kuntratt u t-tqassim tal-flus, il-Kunsilliera Marion Parnis qalet li hemm fuq il-kuntratt innifsu li l-flus jistgħu jiġu ttrasferiti.

23.8.6 Dwar il-vouchers tat-tieni skema, il-Kunsilliera Parnis qalet li dawn qegħdin għandha, u issa jonqos li jsir it-timbru tal-Kunsill Lokali fuqhom sabiex anke meta jaslu għand id-Direttorat tal-Annimali jkunu jafu mil-liema Kunsill Lokali ġejjin.

## 23.9 AĠĠORNAMENT DWAR JUM IL-QRENDI U ĠIEĦ IL-QRENDI 2021

23.9.1 Is-Sindku David Schembri qal li b'kollox daħlu żewġ nomini sa nofsinhar tat-Tnejn 18 ta' Jannar, 2021.

23.9.2 Qal li issa jrid jitlaqqa' l-Bord tal-Aġġudikazzjoni u dan għandu jitlaqqa' online sabiex nevitaw li ħafna nies ikunu fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

23.9.3 Il-membri tal-Kunsill Lokali ser jiltaqgħu online permezz ta' ZOOM nhar il-Hamis 4 ta' Frar, 2021 fl-16:30.

## 23.10 PERFORMANCE BONUS GĦAS-SENA 2020 TAS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV, UFFIĊJAL EŻEKUTTIV U CLERK TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI

23.10.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-performance bonus tas-Segretarju Eżekuttiv, Uffiċjal Eżekuttiv u Clerk tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi ser ikunu diskussi f'laqgħa apparti.

23.10.2 Il-membri tal-Kunsill Lokali ftehmu li jiltaqgħu l-Ħamis 21 ta' Jannar, 2021 fl-16:30.

23.10.3 Is-Sindku qal li jekk kemm-il darba waqt il-laqgħa jkun hemm qbil

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

dwar il-performance bonus dan għandu jingħata mbagħad ikun ikkonfermat fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill Lokali.

## 23.11 SISTEMA TA' PERMESSI ONLINE TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI

23.11.1 Is-Sindku David Schembri qal li b'kollox kien hemm tliet offerti wara li l-Kunsill Lokali għamel talba għall-kwotazzjonijiet.

23.11.2 Wara li saret diskussjoni kien miftiehem li jitlaħħaq sotto-kumitat sabiex din il-materja u l-kwotazzjonijiet ikunu diskussi sabiex naslu għal xi soluzzjoni.

23.11.3 Is-sotto-kumitat ser ikun iffurmat kif ġej:

David Michael Schembri MQR (Sindku)
Charles Zerafa (Kunsillier)
Chris Falzon (Segretarju Eżekuttiv)
Gabriel Camilleri (rappreżentant żagħżugħ)
Dr Colin Layfied (lettur fl-Università ta' Malta dwar l-informatika)

23.11.4 Ġie deċiż li din il-materja għandha tibqa' tiġi diskussa fil-laqgħat li ġejjin.

## 23.12 APPROVAZZJONI TAL-EVALWAZZJONI TAS-SEJĦA GĦALL-KWOTAZZJONIJIET GĦAS-SERVIZZ T'UFFIĊJAL TAL-PROTEZZJONI TAD-DATA – QLC – DPO49/20

23.12.1 Is-Sindku David Schembri qal li ħriġna sejħa għall-kwotazzjonijiet u b'kollox applikaw tliet persuni/entitajiet.

23.12.2 Qal li issa anke r-Reġjun tan-Nofsinhar ser joħroġ sejħa għal Data Protection Advisor, u l-proċess suppost għandu jinbeda nhar il-Ġimgħa li ġej.

23.12.3 Spjega kif dan il-proċess xorta huwa mistenni li jdum ftit minħabba li għadha qas biss ħarġet is-sejħa għall-offerti.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

23.12.4 Is-Sindku ħalla l-kelma f'idejn is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon.

23.12.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Bord t'Evalwazzjoni tlaqqa' b'mod virtwali darbtejn, u dan minħabba li kien hemm bżonn ta' kjarifika mingħand wieħed mill-offerenti.

23.12.6 Żied li wara li rċieva l-kjarifika, il-Bord għadda biex jagħmel ir-rapport t'evalwazzjoni, fejn huwa indikat li l-offerenti kienu:

- Adrian Mifsud BOOM Consultancy and Advisory - €2,800
- Visibly - €4,850
- RSM Malta - €22,500

23.12.7 Qal li l-Bord t'Evalwazzjoni qiegħed jissuġerixxi li l-Kunsill Lokali għandu jmur għall-irħas offerta, dik ta' Adrian Mifsud BOOM Consultancy and Advisory.

23.12.8 Is-Sindku ppropona li għandna naċċettaw il-proposta tal-Bord t'Evalwazzjoni u l-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda.

23.12.9 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

*Marion Parnis ħalliet il-laqgħa fis-18:15*

## 23.3 <u>KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU</u>

23.3.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar il-flus li rċevejna mingħand il-WasteServ relatati mal-inizjattiva 'Ecohive', bħala l-lokalità li l-aktar ġbarna skart organiku.

23.3.1.1 Spjega li l-ħsieb tal-Kunsill Lokali kien li jirrestawra l-inkwatru titulari tal-Kappella ta' Santa Katarina, imma dan mhuwiex possibbli għaliex ir-restawr ser jiġi ħafn'aktar u għalhekk għandna nfittxu inizjattivi oħra.

23.3.1.2 Qal li fil-frattemp kienet ippubblikata Miżura 1 mill-GAL Xlokk fejn hemm ċans li nieħdu sa massimu ta' €12,000.

23.3.1.3 Fisser kif b'dawk il-flus nistgħu nirrestawraw l-inkwatru titulari, kif ukoll noħorġu fuljett żgħir dwar ix-xogħol li jkun sar u l-istorja tal-inkwatru u l-pittura.

23.3.1.4 Qal li jekk kemm-il darba l-Kunsill Lokali ma jsibx oġġezzjoni, huwa lest li joqgħod Project Leader.

23.3.1.5 Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

23.3.1.6 Qal li jekk kemm-il darba jifdal xi flus minn din l-iskema, nieħdu ħsieb li nżidu xi siġar tal-ballut qrib iċ-ċimiterju tal-Qrendi.

23.3.2 Is-Sindku qal li Triq it-Tempesta kważi lesta minn kollox u fadal l-aħħar irqaqat sabiex tkun kompluta.

23.3.2.1 Semma' x-cehvrons li jridu jsiru mar-roundabout li hemm kantuniera ma' Triq Antonio Chircop u Triq il-Fulija, u qal li dawn ġew ordnati.

23.3.2.2 Żied li qed nistennew xi tabelli li wkoll ġew ordnati u dan sabiex jagħtu indikazzjoni li ġejjin ir-roundabouts il-ġodda li saru.

23.3.2.3 Is-Sindku qal li rridu nitkellmu mas-Soċjetajiet Mużikali sabiex naraw fejn ser jiġu t-toqob tal-by-pass li ngħalqu bit-tarmak.

23.3.3 Is-Sindku tkellem dwar Triq Sant'Anna u qali li x-xogħol hemmhekk miexi ġmielu.

23.3.3.1 Spjega li l-medda tal-ilma tlestiet, tgħattiet, u ma ntmessewx il-bir li hemm fit-triq kif ukoll xelter tat-Tieni Gwerra Dinjija.

23.3.3.2 Qal li l-medda tal-ilma qed tiġi ttestjata, u dal-proċess jieħu madwar tliet ġimgħat kif ukoll iridu jsiru l-konessjonijiet mad-djar privati.

23.3.3.3 Fisser li m'għandux ħjiel meta dan ser isir imma jittama li ma jdumux.

23.3.4 Is-Sindku semma' Triq tal-Providenza u qal li hawnhekk ukoll qed tinbidel il-medda tal-ilma.

23.3.4.1 Spjega li din it-triq hija maqsuma bejn il-Qrendi u s-Siġġiewi, u fadal il-parti bejn Burbaġar u l-Kappella tal-Providenza.

23.3.4.2 Qal li l-gandott fin-naħa tal-Qrendi ngħalaq, imma l-art mhux qiegħda kif wieħed jixtieq, u hemm diversi toqob u ħofor li qed ikunu problematiċi.

23.3.4.3 Spjega li tkellem mal-Perit fuq dan il-proġett, u qed naraw jekk jistax isir xi ħaġa biex tiġi rranġata ftit is-sitwazzjoni.

23.3.5 Is-Sindku tkellem dwar Miżura 3 u qal li issa nistgħu nitkellmu dwar mobile application bħala parti minn din il-Miżura.

23.3.5.1 Issuġerixxa li din għandha tiġi mitkellma f'laqgħa oħra.

23.3.6 Is-Sindku tkellem dwar il-playing field tal-Ġnien tal-Warda u qal li x-xogħol hemmhekk miexi ġmielu.

23.3.6.1 Qal li l-bankijiet u l-apparat tpoġġew, biss il-kuntrattur qed jistenna li jkollna ftit jiem ta' temp sabiħ sabiex jagħmel it-tapit tal-lastiku.

23.3.6.2 Spjega kif bħalissa qiegħed isir xogħol li daqt naraw ir-riżultat tiegħu, għax qed isir ir-railing li ser ikun mad-dawra, u dan jitwaħħal ġaladarba jsir it-tapit.

23.3.7 Is-Sindku tkellem dwar korrispondenza li rċevejna mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bit-titlu "SPI.SCI.2.2021.Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-Kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex."

23.3.7.1 Qal li fil-preżent il-playing field tal-Ġnien tal-Warda qed tiġi rranġata u msebbħa, filwaqt li l-playing field ta' Ġnien Nicolò Communet għadha ma bdietx tinbena u allura rridu nistennew ftit sakemm naraw jekk ikunx vijabbli li napplikaw għal din l-iskema.

23.3.8 Is-Sindku tkellem dwar korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni tal-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Kunsilli Lokali sabiex jiġu mġedda l-polza tal-assikurazzjoni tas-saħħa kif ukoll il-polza tal-assikurazzjoni tal-flus.

23.3.8.1 Qal li jipproponi li dawn il-poloz għandhom jiġu mġedda.

23.3.8.2 Il-Kunsilliera Marion Parnis issekondat il-proposta u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 23.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

23.4.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija mill-Kunsillieri preżenti.

## 23.5 RAPPORTI

23.5.1 Ma kien hemm l-ebda rapporti.

## 23.13 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

23.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €39,657.14 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 01/21 u €99.58 skont il-*Petty Cash* Ref X/12.

23.13.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

23.13.3 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja u l-Kunsilliera Marion Parnis issekondaw din il-proposta.

23.13.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 23.14 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

23.14.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-19:00 u ġiet aġġornata għat-Tlieta 16 ta' Frar, 2021 fil-17:30.

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri**
**Sindku**